MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - DROGI

## MAGISTRAT DR.
## CASSAR JOSEPH LL.D.

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Numru 5/1999

**Pulizija**
(Supt.Nicholas Ciappara)

**vs**

**Kenneth Caruana**

l-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Caruana ta' 21 sena, bin Emanuel u Maria Concetta nee' Debono, imwieled Pieta, fis-17 ta' Dicembru 1980 u prezentament residenti fil-facilita korrettiva ta' Kordin.

Talli:-
F'dawn il-gzejjer fis-26 t' Mejju 1998 u t-tlett xhur qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-drogi Eroina, Kokajina u Dihydrocodeine specifikati fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizazzjoni

ghal-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s—6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-Licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-drogi msemmija w meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-drogi msemmija gew fornuti lilu ghal-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontrol intern tad-Drogi Perikoluzzi [G.N 292/1939] kif sussegwentament ammedati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan f’cirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kienx ghall-uzu esklusiv tieghu.

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fil-25 ta’Awwissu 1998 u t-tmin xhur ta’ qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101, tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/l jew ghall uzu ta’ persuna/l minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mghotija mill-President  ta’ Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghal-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzzi (G.N. 292/ 1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli kkometta ir-reat tat-traffikar imsemmija fit-tieni akkuza f’hi jew gewwa d-distanza ta’ mitt (100) metru minn skola, klabb centru taz-zghazagh jew post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Awwissu 1998, kellu fil-pussess tieghu medicini specifikati u psikoltropici, meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat, u 35B u 89A, u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoniet li ghanhom x'jaqsmu maghha, tal-Kapitolu 31, tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V, tal-1985, kif ammendat.

Ukoll talli f'dawn il-gzejjer fil-25 t'Awwissu 1998, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artiklu 8 (d), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi injurja jew hedded lil-PC 536 Jason Caruana, persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz publiku, waqt li jkun jghamel jew minnhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artiklu 9 tal-Kapitlu 152, tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), idatata 6.11.96 Awla 14.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Mejju 2002.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat ir-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-kontol Intern tad-Drogi Perikoluzi (AL 292/139), r-regolament 4, ta' l-istess, l-artiklu 8 d tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imsemmi Kap 101, r-regolament 5 (1) ta' l-Avviz legali 22 tal-1985 kif emendat u 35 B  u 89A , u t-tielet skeda tal-Ordinanza. Dwar il-Professjoni Medika tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 16 tal-Att 5 tal-1985 kif ammendat, l-art 8 (d) tal-imsemmi Kapitlu 101, l-artiklu 9 tal-Kap 152. Wara li rat wkoll l-artiklu 22 (2) (ii) u l-proviso

dwar id-distanza ta’ anqas minn mitt (metru) u l-artiklu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

Tikkundanna lill-hati ghoxrin xahar habs li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u mitejn lira Maltija (Lm 200) multa li f’kaz ta’ nuqqa ta’ hlas fi zmien sena minn meta jiskonta il-piena karcerarja u f’kaz li ma jhallasx tigi mibdula fi prigunerija. Tilqa’ t-talba tal-prosekuzzjoni a tenur ta’ l-artiklu 533 (1) tal-Kap 9 u tordna lil-hati jhallas l-ispejjez u d-drittijiet ta’ l-esperti. Id-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin hu mitlub li jhalli lill-hati l-programm li jidher li diga beda. L-akkuzat, jekk meta johrog mill-Facilita Korrettiva ta’ Kordin ikun ghadu ma lestiex il-programm qed jigi ordnat li jissuktah.

Il-Qorti thoss d-dmir li twissi lill-akkuzat li ghandu jhalli t-triq li qabad, jekk xejn b’rispett lejn il-genituri tieghu li dahlu huma bhala garanti ghall-helsien mill-arrest.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar

Vera Kopja ta’ l-original.

M.Mifsud,BA (Deputat Registratur)